# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI
# IMHALLEF
# ONOR. JOSEPH A. FILLETTI BA., LL.D., A R HIST S.

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 1 ta' Gunju 2000**

**Numru: 14**

**Citaz. numru 107/95 JF**

**Av Dr Max GANADO bhala mandatarju specjali ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' estera Metal Trade S.R.L.**
**vs**
**Kaptan Sebastiano Pizzimenti ghan-nom u in rappresentanza tal-bastiment M.V. Poker, ta' bandiera taljana, registrat fil-Port ta' Cagliari u b'nota tas-27 ta' Frar 1995 Dr Tonio Fenech assuma l-atti tal-kawza minflok il-Kaptan sabiex jirraprezenta l-bastiment M.V. Poker.**

**Il-Qorti,**

Tirrileva li din li ser tinghata hija decizzjoni in parte dwar liema ligi, Maltija jew Taljana, ghandha tapplika ghall-kwistjoni in ezami dwar 'privilegg' riferibbilment ghat-tielet eccezzjoni sollevata mill-konvenut nomine u aktar specifikament, in kwantu l-attur nomine qieghed isostni

li l-ligi applikabbli ghall-kwistjoni ta' privilegg hija proprju l-ligi Taljana.

Ikkunsidrat is-sottomissjonijet ta' l-attur li jikkontendi li l-ligi applikabbli hi dik Tajana. Huwa rrileva li fil-ligi taghna hu risaput li f'kaz ta' lacuna f'materja ta' dritt internazzjonali privat il-principji tad-dritt Ingliza ghandhom japplikaw. Dan johrog car ukoll mill-awtorita' ta' "Mifsud noe vs Lemos noe" (Qorti tal-Appell, 20 ta' Novembru 1959). Skond id-dritt Ingliz, ir-'ranking' tal-privilegg hija kwistjoni procedurali determinata mill-lex fori, waqt li l-ezistenza o meno ta' l-istess privilegg hi materja sostantiva regolata mill-lex causae. Allura, l-attur jikkontendi li l-ezistenza tal-privilegg ghandha tigi determinata fid-dawl tal-ligi Taljana li hi l-ligi applikabbli stante li l-privilegg gie kontrattat fl-Itlaja, ma' kumpannija Taljana u mhallsa b'liri Taljani.

Ikkunsidrat ukoll is-sottomissjonijiet tal-konvenut li invece jissottometti li l-ligi Maltija hi dik applikabbli. Il-konvenut irrileva li l-posizzjoni Ingliza issa nbidlet bid-decizzjoni tal-Privy Council f'The Halcyon Isle (Privy Council, 1980) li stabbiliet li biex "lien" marittimu jkun meqjus tali l-istess lien irid ikun rikonoxxut kemm fil-pajjiz fejn jigi kontrattat kif ukoll fil-gurisdizzjoni Ingliza, u li allura timplika li l-ezistenza o menu tal-privilegg hu regolat mil-"lex fori" (stante li d-decizzjoni kienet wahda fi grad ta' Qorti ta' l-Appell minn pajjiz esteru, u cioe' Singapore). Jekk wiehed japplika dan il-principju ghall-kaz odjern, il-konkluzzjoni tkun li l-ligi li tiddetermina l-privilegg hi dik Maltija.

Din il-Qorti tibda billi tirrileva li huwa  minnu li l-prassi Ingliza hi applikabbli f'kaz ta' lakuna, izda hu ben risaput li dan l-ezercizzju hu limitat biss ghall-kazijiet fejn l-istess prassi ma hiex inkompatibbli mas-sistema legali domestiku.  Fil-fatt, id-decizzjoni f'"Halcyon Isle" tittratta l-kwisjoni ta' "lien" marittimu, li ma ghandu l-ebda ekwivalent fil-ligi taghna.  "Lien" taht is-sitema Ingliz hu klassifikat bhala "inchoate right", element estraneju ghal-ligi taghna, u li jfisser li d-dritt jissussisti biss, jekk, u mill-mument li fih issir talba formali.  Stante li dritt jiddependi minn tali talba formali, giet meqjusa bhala kwistjoni procedurali li ghandha tigi determinata mill-"lex fori".  Izda jigi rilevat illi fil-ligi taghna ma ghandna l-ebda dritt simili ghal dan.  L-istitut tal-privilegg fil-ligi taghna hu ta' natura differenti ghal ahhar.  Fi kliem iehor, il-privilegg jissussisti indipendentament minn talba formali.  Tali talba tingieb biex tinforza jew tesegwixxi l-privilegg, izda zgur li ma jinfluwenzax bl-ebda mod l-ezistenza o menu tal-privilegg - materja determinata mil-ligi sostantiva.  Ghalhekk, la darba li l-"Halcyon Isle" mhux applikabbli stante li ma tittrattax kwisjoni ta' privilegg - dritt specifiku li johrog  mil-ligi sostantiva -  l-ezistenza o  menu ta' l-istess privilegg hi materja sostantiva determinata mil-"lex causae" u cioe' dik Taljana fil-kaz in ezami.

Illi minbarra s-suespost, hemm raguni ohra ghala l-ligi Taljana hi dik applikabbli f'"Halcyo Isle", il-pern tal-vertenza kienet talba ghal "necessaries" bhal fil-kaz odjern.  Issa l-ligi Ingliza hija l-unika wahda fis-sistema tal-"common law system" li ma tikklassifikax "necessaries" bhala "lien" marittimu.  Dan ifisser li f'kaz ta' "necessaries" bhal fil-kaz odjern, il-materja ma kinetx wahda determinata mil-"lex fori" izda mil-"lex causae".  Dan ifisser li anke jekk wiehed jinsisti li l-"Halcyon Isle"

hija applikabbli fil-ligi taghna, l-istess kaz jirreferi ghal-ligi Taljana bhala dik applikabbli fic-cirkostanzi tal-kaz odjern.

Ghal dawn ir-ragunijiet:

Tirrespingi t-tielet eccezzjoni tal-konvenut nomine kif dedotta, b'dan li tiddikjara li l-ligi applikabbli ghall-kwisjoni ta' privilegg hija u kienet regolata bil-Ligi Taljana u ghaldaqstant tawtorizza lill-attur nomine li jipproduci l-provi opportuni dwar il-ligi Taljana.  Bl-ispejjez rizevati sal-gudizzju finali.

**ONOR. IMHALLEF JOSEPH A. FILLETTI LL.D.**

Deputat Registratur

AMH.